# *MEXXEJA PASTORALI TAL-PARROĊĊA TAL-FLORIANA U L-KNISJA TA' SAN PUBLJU*



**Minn Joseph R. Gatt**

Il-ħatra ta' **Dun Richard Borg**, bħala Arċipriet tal-Floriana ħajritni niġbor il-lista tal-mexxejja pastorali kollha tal-Floriana. Dun Richard ħa l-pussess tal-Parroċċa nhar il-Ħadd 17 ta' Marzu 200 minn idejn l-Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale. Tajjeb ukoll li niftakru li **270** sena ilu tqiegħdet **l-ewwel ġebla tal-knisja ta' San Publju** nhar **3 ta' Awissu 1733**. Għalhekk huwa xieraq ukoll li ngħid xi ħaġa dwar ġrajjet il-knisja. Mhux il-ħsieb tiegħi li nidħol fid-dettalji ta' l-istorja.

## TWAQQIF TA' VIĊI-PARROĊĊA

Wara li dik il-medda ta' art ta' barra is-swar tal-Belt Valletta żviluppat u kibret b'popolazzjoni ta' aktar minn 550 ruħ ħadet l-isem ta' "Sub-Borgo Floriana". Fl-1721, il-knisja tal-B.V. tad-Duluri f'Tal-Pietà twaqqfet viċi-parroċċa dipendenti għall-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt bl-ewwel Viċi-Rettur tagħha Dun Ġan-Patist Seguna.

Wara il-ħatra tal-G.M. Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736) dan is-Sub-Borg ħa l-isem ukoll ta' **Sub-Borgo Vilhena**. Kienu saru bosa tentattivi, anzi talbiet formali biex in-nies ta' dan is-Sub-Borg ikollhom knisja għalihom u aktar fil-qalba tagħhom, flok dik tal-B.V. tad-Duluri f'Tal-Pietà. Fil-21 ta' Settembru 1724 il-G.M. Manoel de Vilhena talab lis-Santa Sede biex il-knisja ta' Sarria (iddedikata lil Marija Immakulata) tkun imwaqqfa f'parroċċa. Iżda s-Santa Sede ħalliet kollox f'idejn l-Isqof ta' Malta. L-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722-1727) ma riedtx li l-knisja ta' Sarria issir parroċċa għax din kienet taqa' taħt l-Ordni tal-Kavallieri u b'hekk hu kien jitlef il-Ġurisdizzjoni tiegħu fuqha. Għal dan, l-Isqof issuġġerixxa li tinbena knisja ġdida; suġġeriment li għoġob lill-Gran Mastru. Għal daqstant il-Kappillan ta' San Pawl tal-Belt talab lill-G.M. biex jagħti l-art għall-bini; il-G.M. laqa' it-talba. L-ewwel ġebla tal-knisja ddedikata lil San Publju tqiegħdet fit-**3 ta' Awissu 1733** mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757) fil-preżenza tal-G.M. A. Manoel de Vilhena, il-Kapitali tal-Katidral u tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, fost bosta mistednin oħra u quddiem folla ta' furjaniżi. Kien jum ta' ferħ kbir u sabiħ għall-poplu Furjaniż għax wara ħafna snin ra l-bidu tat-twaqqif tal-Knisja tiegħu li xtaq; bit-tama li xi darba ssir parroċċa indipendenti minn dik tal-Belt. Damet tinbena madwar 33 sena; fl-1776 il-knisja ta' San Publju saret il-viċi-parroċċa flok dik tad-Duluri.

## IR-RELIKWA TA' SAN PUBLJU

Patri Franġisku Azzopardi Kapuċċin, fil-kitba tiegħu "Ir-Relikwa ta' San Publju fil-Floriana" li dehret fil-Programm Festa San Publju Floriana 18 ta' April 1999, jgħidilna li "L-istoriku Ignazio Saverio Mifsud jikteb li t-Translazzjoni ta' din ir-Relikwa saret wara nofsinhar fit-18 ta' Jannar 1761 mill-Knisja tal-Kapuċċini għall-viċi-parroċċa tal-Floriana. Dak inhar kien ħabat il-Ħadd tas-Settwaġeżimża". Patri Franġisku jgħidilna wkoll li l-imsemmija relikwa ġiet mogħtija lill-viċi-Parroċċa mill-Patrijiet Kapuċċini. Inżid ngħid li llum narawha f'ostensorju, disinn ta' Abram Gatt (1863-1944) u għotja ta' Ottavio Catalogna fl-1925.



L-isqof Alpheran de Bussan
1728 - 1757
Qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja
ta' San Publju fit-3 ta' Awissu 1733

## KONSAGRAZZJONI U TKABBIR TAL-KNISJA



L-Isqof Vincenzo Labini

L-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807) ikkonsagra l-knisja nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju 1792. Din il-ġrajja hija imfakkra b'lapida u bi tnax-il salib ta' rħam mal-pilastri prinċipali tagħha. Sa dak iż-żmien ġa kienet tkabbret għall-ewwel darba fl-1771 u żidulha l-koppla (1780). Wara reġgħu kabbruha għal darb'oħra fl-1856. Fis-sena 1885 bdew ibiddlulha l-faċċata għal dik li naraw illum; disinn ta' Nikola Zammit (1815-1899). Tlestiet fl-1892.
Fis-sena 1869, fi żmien il-Papa Piju IX, saret Arċipretali bil-kappillan tagħha stess, il-Kanonku Dun Salv. Gaffaiero jinħatar l-ewwel Arċipriet tagħha.
Fis-sena 1788 l-Università tal-Belt bena ċ-Ċimiterju ta' San Publju taħt il-knisja, b'400 qabar. Hawn ta' min ifakkar li Dun Mikiel Xerri u sħabu wara li ġew iffuċillati fil-Belt mill-Franċiżi fl-1799, ġew midfuna f'dan iċ-Ċimiterju. Dan baqa' jintuża sakemm fl-1871 inqata' id-dfin fil-knejjes tal-Belt u l-Kottonera u beda isir f'dak ta' Santa Marija Addolorata. Dak tal-Floriana fl-1975 inbidel f'Sala San Publju li naraw illum.

## VIĊI-RETTURI

Għall-ewwel il-knisja kienet immexxija minn **Rettur** (Viċendarju) sakemm saret parroċċa (1844) wara minn **kappillan** u meta saret Arċipretali (1869) minn **arċipriet**. B'kollox kien hemm **9 Viċendarji, 2 Kappillani u 13-il Arċipriet**, inkluż dak tal-lum.
Matul dawn il-159 sena mit-twaqqif tal-parroċċa, il-Floriana kellha diversi mexxejja pastorali kif jidher mill-lista ta' hawn taħt. Iżda qabel ngħid min huma tajjeb li naraw min kienu l-**viċendarji** li ħadu ħsieb it-tmexxija mill-1721 sal-1845. Minn lista miġbura mill-Kav. Joseph Borg K.M., Phc., PL. u xi żidiet oħra tiegħi nafu minn kienu.
Il-lista tar-Rettur (Viċendarji) hija din :-

| | | Mill - | Minn - Sa |
|---|---|---|---|
| 1. | Dun Ġan-Patist Seguna | Valletta | 1721 - 1740 |
| 2. | Kan. Dun Paskal Grima | Għawdex | 1740 - 1749 |
| 3. | Dun Ġużepp Zahra | Floriana | 1749 - 1768 |
| 4. | Kan. Dun Pietru Pawl Muscat | Valletta | 1768 - 1773 |
| 5. | Kan. Dun Carmelo Borg | Valletta | 1773 - 1775 |
| 6. | Kan. Dun Ġian-Patist Falzon | Floriana | 1775 - 1796 |
| 7. | Dun Ferdinandu Camilleri | Mosta | 1796 - 1813 |
| 8. | Dun Salv Zammit | Żurrieq | 1813 - 1820 |
| 9. | Dun Publju Farrugia | Floriana | 1820 - 1845 |

## IT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA

Il-Papa Gregorju XVI laqa' t-talba għat-twaqqif tal-parroċċa bid-Digriet tal-31 ta' Lulju 1843. Kien fil-5 ta' Marzu 1844 li żmien l-Isqof F.S. Caruana (1832 - 1847) li ħareġ l-Editt għat-twettiq ta' dan id-Digriet b'effett mis-7 ta' Marzu 1844 u



IL-FAĊĊATA L-ANTIKA TAL-KNISJA TA' SAN PUBLJU QABEL DIK LI NARAW ILLUM

bl-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Ellul. Dun Ġużepp ħa l-pussess f'Ottubru 1845; aktar minn sena wara. B'hekk wara bosta snin il-Floriana saret parroċċa indipendenti minn dik tal-Kolleġġjata ta' San Pawl. Kien hemm ħafna diffikultajiet biex saret Parroċċa min-naħa tal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Il-Knisja tal-Kapuċċini issemmiet biex tkun Parroċċa. Dak iż-żmien ma kinetx ħaġa ħafifa biex il-Kapuċċini jaċċettaw jew jingħataw xi Parroċċa.



L-Arc. Dun Anton Debono
Miet ġewwa Ruma
fit-8 ta' Awissu 1959

Kif rajna aktar 'il fuq, qabel ma saret parroċċa kienet immexxija mill-viċi-parrokku Dun Publju Farrugia li wara fl-1845 inħatar Vigarju-Kurat tal-Kolleġġjata tal-Birgu u l-kuġitur ta' l-Arċipriet Carlo Aquilina bi dritt ta' suċċessjoni wara mewtu; ħa l-pussess fi Frar 1865.

B'radd ta' ħajr il-Furjaniżi qiegħdu fis-sagristija l-pittura tal-Papa Gregorju XVI, tal-Kardinal Itta, ta' l-Isqof Caruana u ta' l-ewwel Kappillan Ellul. Wara żdiedu 10 kwadri ritratti oħra tal-mexxejja pastorali; l-aħħar li sar kien dak ta' l-Arċipriet Dun Salv. Fenech (1970 - 1986).

Xieraq li jżidu l-oħrajn jew issir lapid bl-ismijiet tagħhom kollha biex ikunu mfakkra u b'hekk din is-sensiela ta' mexxejja pastorali tkun kompluta.

Il-Kappillani u l-Arċiprieti huma dawn:-

**KAPPILLANI U ARĊIPRIETI**

| | MINN - SA | ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI | TWIELED | META | MIET |
|---|---|---|---|---|---|
| **KAPPILLANI** | | | | | |
| Dun Ġużepp Ellul | 1845-1848 | ? | Floriana | 1804 C. | 4-12-1848 |
| Dun Giov. Ant. Vidal | 1848-1867 | 26-12-1831 | Valletta | 1808 C. | 14-12-1867 |
| **ARĊIPRIETI** | | | | | |
| Dun Salv Gaffiero (Kan) | 1868-1876 | 20-12-1851 | Senglea | 8-3-1828 | 8-12-1906 |
| Dun Pawl Lauron | 1876-1887 | 20-12-1856 | Vall/B'Kara | 1825 C. | 10-5-1895 |
| Dun Andrea Dingli | 1887-1896 | 19-12-1863 | Balzan | 30-3-1840 | 17-12-1896 |
| Dun Franġisk Mallia | 1897-1931 | 20-12-1890 | Bormla | 12-3-1866 | 4-9-1938 |
| Dun Angelo Ghigo | 1931-1952 | 20-9-1919 | Mqabba | 16-12-1892 | 2-6-1980 |
| Dun Anton Debono | 1953-1959 | 25-7-1937 | Naxxar | 1912 C. | 8-8-1959 |
| Dun Carmelo Xuereb | 1960-1967 | 29-3-1941 | Vict. Gozo | 5-7-1916 | |
| Dun Alwiġ Debono | 1967-1970 | 11-8-1946 | Vict. Gozo | 18-7-1919 | 22-3-1970 |
| Dun Salv. Fenech | 1970-1986 | 7-8-1955 | Floriana | 5-8-1929 | |
| Dun Kalċidon Vassallo | 1986-1991 | 19-3-1972 | Siġġiewi | 8-1-1946 | |
| Dun Ġużeppi Pace | 1992-1998 | 7-4-1962 | Marsa | 3-4-1938 | |
| Dun Lawrence Zammit | 1998-2001 | 21-4-1979 | Qormi S.Ġ. | 2-8-1951 | |
| Dun Richard Borg | 2002- | 20-7-1974 | Naxxar | | 7-10-1948 |

## GĦELUQ

B'din il-kitba fakkarna fuq fuq il-bidu u l-iżvilupp tal-knisja tal-Floriana. Rajna min huma l-mexxejja pastorali ta' din il-parroċċa sa mill-bidu tagħha. Fl-istess waqt ippruvajna inqajmu l-interess fost dawk il-Furjaniżi li għadhom żgħar u oħrajn magħhom li għadhom sajmin mill-istorja tal-Floriana.

**Bibljografija:-**


1. Arkivji Parrokkjali:- Balzan, Bormla, Floriana, Mqabba, Senglea.
2. Azzopardi Franġisku OFM Kapuċċin: "Ir-relikwa ta' San Publju fil-Parroċċa tal-Floriana" fil-Programm Festa S. Publju 1999.
3. Calleja Joe Father:- Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000.
4. Direttorju Ekkleżjastiku 2001, 2003.
5. Ferres Achille:- Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo. Malta 1866.
6. Guillaumier Alfie:- Bliet u Rhula Maltin.
7. Programm Festa ta' San Publju - 1986, 1996.
8. Reġistru Pubbliku:- Malta, Ghawdex.
9. Tonna E.S. :- Final Focus on Floriana, Malta 1979.
10. Ħajr lil:- Patri Franġisku Azzopardi OFM Kap., Deborah u Franco Agius.